# Kampjonat 1953-54

## • Floriana leaders assoluti wara l-ħames ġurnata
## • Partitarji ta' Valletta jattakkaw plejers minn tagħhom wara t-telfa ta' 3-2 kontra Rabat FC




*Sliema Wanderers 1953*

**Ir-Raba' Ġurnata**

*21-11-1953:*
*Floriana FC v Hibernians FC 4-1*
*H.T 1-1*
*Ref: Flt. Sgt. John Kidd (RAF)*
*Skorjaw: F. Church (H) 6', L. Vella (F) 16', S. Williams (F) 47', o.g V. Portelli (F) 63' u C. Bennetti (F) 70'.*

*Floriana FC*: Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Lolly Debattista, Leli Zammit, Carm Xerri, Tony Dalli, Pullu Mousu, Pullu 'Il-Koku' Demanuele, Dr. Benny Camilleri, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Stanley Williams, Charlie 'In-Najsu' Bennetti.
*Hibernians FC*: Johnnie 'Skipper' Formosa, Colin Tabone, Victor Portelli, John Gatt, Victor Formosa, Sunny Anastasi, Anthony 'Skitu' Spiteri, J. Spiteri, Fredu Church, Jean Claude Coulon, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

1. Pullu Mousu ddebutta fl-ewwel tim ta' Floriana. Fl-istaġun ta' qabel huwa kien qed jiskonta sospensjoni ta' sena. Mousu kien lagħab fil-partita famuża taż-żgħażagħ Furjaniżi li f'partita tat-Trophy, 1950-51, kienu wettqu waħda mill-akbar sorpiżi meta eliminaw lil Valletta FC 3-2 wara l-ħin barrani. Floriana kienu niżlu għal din il-partita bil-plejers żagħżagħ u reserves minħabba li l-ewwel tim tagħhom kien jinsab f'Londra jieħu sehem fil-Festival of Britain.
2. Floriana FC ħadu passi dixxiplinarji kontra l-gowlkiper tagħhom Ġużi Alamango minħabba li ħoloq l-inkwiet. Waqt laqgħa tal-Kumitat tal-10 ta' Novembru, 1953, kien ġie deċiż li jiġi rraportat lill-Kunsill tal-MFA. Meta sema' l-każ, il-Kunsill kien issospenda lil Alamango sal-aħħar ta' Marzu, 1954.

*22-11-1953:*
*Rabat FC v Valletta FC 3-2*
*H.T 1-1*
*Ref: Michael Sciberras.*
*Skorjaw: L. Sammut (R) 4', Ġ. Zammit (V) 20', L. Pace (V) 65', C. Azzopardi (R) 75' u C. Theuma (R) 87'.*

*Rabat FC*: Anthony Micallef, Alfie Pearson, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, George Dalli, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Donald MacDonald, Ernest Chappelle, Louis Vigar, Charles 'Il-Grioss' Azzopardi, Charlie Theuma, Leli Sammut.

*Valletta FC*: Pawlu Dimech, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Ċensu Muscat, Lewis Azzopardi, Freddie Farrugia, Silvio Rapinett, Ġużi Zammit, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Leli 'Il-Pesa' Pace.

1. It-tieni gowl ta' Rabat, kwarta mit-tmiem, wasal minn żball tal-gowlkiper Dimech li ma żammx xutt ċentrali ta' MacDonald bil-ballun jgħaddi minn bejn saqajh u l-'Grioss' Azzopardi komplieh f'xibka vojta.
2. Fi tmiem il-partita diversi partitarji ta' Valletta daħlu fil-grawnd u attakkaw xi plejers tat-tim tagħhom stess. L-agħar li mar kien 'It-Tichy' Grech li ttieħed l-isptar San Luqa jsofri minn *concussion* fejn kien intbagħat id-dar ġurnata wara. Plejers oħra li ġew attakkati kienu Leli Pace, li ironikament f'din il-logħba kien poġġa lill-Beltin fil-vantaġġ u l-gowlkiper Pawlu Dimech. Dimech kien ħarablu l-ballun minn idu fl-azzjoni tat-tieni gowl Rabti. Għalih din kienet l-aħħar partita mal-klabb Belti.
3. Tlitt ijiem wara, fil-25 ta' Novembru, 1953, wasal Malta Harry Tedder li għal darb'oħra reġa' nħatar kowċ tat-tim Belti. Harry Tedder kien diġà l-kowċ tal-Beltin fl-istaġun, 1950-51, iżda kellu jħalli l-klabb Belti minħabba raġunijiet ta' saħħa.

*28-11-1953:*
*Ħamrun Sp. FC v Birkirkara FC 2-1*
*H.T 1-0*
*Ref: Joseph Spiteri.*
*Skurjaw: G. Jones (Ħ) 34', G. Buttigieg (Ħ) 53' u K.Valenzia (B) 80'.*

*Ħamrun Sp.* FC: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, Johnnie Alamango, Ġużi Zammit, Armando Drago, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, George Jones, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila.
*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Bernard Bruno, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Louis Caruana, Fredu Preca, Leli 'Qali' Attard, Kenneth Valenzia, Victor Farrugia, Lieut. Stephen Samut Tagliaferro, Leli 'Il-Likku' Saliba, Ġużi 'Il-Gross' Pisani.

1. Lolly Rizzo salva penalty mogħti minn Romeo Psaila fis-77 minuta.
2. Johnnie Alamango ddebutta mal-Ispartans wara li kien akkwistat mingħand Sliema Wdrs. fis-sajf. Huwa ddebutta wara li skonta sospensjoni ta' tmien ġimgħat

mogħtija lilu mill-Bord tad-Dixxiplina tal-Armata wara li kkaġuna l-abbandun tas-semifinali tal-Cassar Cup bejn it-tim tiegħu 1st Coast RMA u Floriana. Alamango kien beda l-karriera tiegħu ma' Ħamrun United, klabb li dak iż-żmien kien fil-Minor League.

*29-11-1953:*
*Sliema Wdrs. FC v Melita FC 3-2*
*H.T 2-1*
*Ref: BSM Joseph Galea (RMA)*
*Skorjaw: B. Agius (M) 18', T. Nicholl (S) 30' u 38', T. Nicholl (S) 73' u B. Agius (M) 78'.*

*Sliema Wdrs.* FC: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Gejtu 'Gaga' Sacco, Ray Edwards, Ġużi Cuschieri, Ġużi 'Labre' Camilleri, Ninu Calleja, Tony Nicholl, Maurice Walsh, Sammy Nicholl.
*Melita FC*: Edwin Zammit, William (Bill) MacDonald, Albert Grech, Ġiusi Borg, Leli Borg Bonaci, George Bencini, Patrick Feekry, John Finlay, Bertie Agius, Rene Formosa, Peter Cornish.

1. It-tielet gowl skorjat minn Tony Nicholl wasal waqt li l-gowlkiper Edwin Zammit ta' Melita kien jinsab fid-dressing jiġi kkurat wara li, fit-52 minuta, weġġa' wara li ħareġ f'saqajn Tony Nicholl. Huwa dam nieqes għal 22 minuta u f'dak il-ħin postu bejn il-lasti ħadu Ġiusi Borg.

*Klassifika:* Floriana FC u Ħamrun Sp. FC 6 pti.; Valletta FC u Rabat FC 5 pti.; Sliema Wdrs. FC 4pti.; Hibernians FC 3 pti.; Melita FC 2 pti. u Birkirkara FC 1pt.

*L-Aqwa Skorers*: L. Pace (Valletta FC) 4 gowls; R. Psaila (Ħamrun Sp. FC), T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC); P. Demanuele (Floriana FC) u B. Agius (Melita FC) 3 gowls.

## Il-Ħames Ġurnata

*05-12-1953:*
*Sliema Wdrs. FC v Valletta FC 1-0*
*H.T 0-0*
*Ref: Flt. Sgt. Arthur Wallace (RAF)*
*Skorja: P. Lebrun (S) 51'*

**Sliema Wdrs.** FC: Raymond Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Gejtu 'Gaga' Sacco, Ray Edwards, Ġużi Cuschieri, Piju Lebrun, Ninu Calleja, Tony Nicholl, Sammy Nicholl, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri.
**Valletta FC:** Mike 'Moro' Cutajar, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'Tichy' Grech, Ċensu Muscat, Lewis Azzopardi, Freddie Farrugia, Silvio Rapinett, Ġużi Zammit, Ġużi 'Iż-Zajer' Borg, Pawlu 'Il-Puxu' Zammit.

1. Valletta kellhom jilagħbu mingħajr Leli Pace wara li dan weġġa' waqt il-partita tal-Garrison League mal-1st Coast Regt (RMA) li kienet intlagħbet fit-3 ta' Diċembru 1953.

*06-12-1953:*
*Floriana FC – Ħamrun Sp. FC 3-2*
*H.T 1-1*
*Ref: Flt. Sgt. Arthur Wallace (RAF)*
*Skurjaw: P. Demanuele (F) 14', R. Psaila (Ħ) 29', Ġ. Psaila (Ħ) 59', B. Camilleri (F) 60' u C. Bennetti (F) pen. 74'.*

*Floriana FC*: Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Lolly Debattista, Leli Zammit, Carm Xerri, Tony Dalli, Pullu Mousu', Lolly 'Ir-Roy' Vella, Dr. Benny Camilleri, Stanley Williams, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.
*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Il-Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, Johnnie Alamango, Ġużi Zammit, Armando Drago, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, George Jones, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila.

*19-12-1953:*
*Rabat FC – Melita FC 3-1*
*H.T 0-1*
*Ref: Sgt. John Azzopardi.*
*Skurjaw: Ġ. Borg (M) 1', C. Azzopardi (R) 77' u 83' u C. Theuma (R) 84'.*

*Rabat FC*: John Mifsud, Walter Powell, Alfie Pearson, George Dalli, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Donald MacDonald, Ernest Chappelle, Louis Vigar, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Charlie Theuma, Peter 'Il-Glorja' Micallef.
*Melita FC:* Edwin Zammit, William (Bill) MacDonald, Albert Grech, Ġiusi Borg, Leli Borg Bonaci, George Bencini, Patrick Feekry, John Finlay, Bertie Agius, Rene Formosa, Lino Maistre.

1. B'din ir-rebħa, għal darb'oħra b'gowls lejn tmiem il-partita, Rabat kienu telgħu fit-tieni post tal-klassifika, u aċċertaw ruħhom minn partita kontra t-tim Jugoslav FK Spartak fit-Tourney tal-Milied. Il-Magpies fil-fatt kienu lagħbu fil-25 ta' Diċembru kontra FK Spartak fejn kienu sfaw megħluba 5-0.
2. Din il-partita, kif ukoll il-konfront ta' ġurnata wara bejn Hibernians u Birkirkara suppost li kellhom jintlagħbu ġimgħa qabel iżda tħassru minħabba l-Elezzjonijiet Generali.

*20-12-1953:*
*Hibernians FC v Birkirkara FC 2-1*
*H.T 0-0*
*Ref: Flt. Sgt. James Tuckett (RAF)*
*Skurjaw: A. Spiteri (H) 56', F. Church (H) 65' u E. Borg (B) pen. 79'.*

*Hibernians FC:* Johnnie 'Skipper' Formosa, Colin Tabone, Victor Portelli, John Gatt, Victor Formosa, Sunny Anastasi, Anthony 'Skitu' Spiteri, J. Spiteri, Fredu Church, Jean Claude Coulon, Lorry 'Il-Ġeġiġa' Cassar.
*Birkirkara FC:* Lolly Rizzo, Joe Agius, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Leli 'Il-Likku' Saliba, Frans Theuma, Bob Bonavia, Kenneth Valenzia, Lieut. Stephen Samut Tagliaferro, John Valenzia, Victor Farrugia, Ġużi 'Il-Gross' Pisani.

1. Wara li akkwistaw tant plejers fis-suq tat-trasferimenti tas-sajf, b'sorpriża Birkirkara FC kienu jinsabu fil-qiegħ tal-klassifika b'punt wieħed wara ħames logħbiet.
2. John Valenzia ddebutta ma' Birkirkara. Huwa jiġi ħu Kenneth Valenzia.

*Klassifika*: Floriana FC 8 pti.; Rabat FC 7 pti.; Ħamrun Sp. FC u Sliema Wdrs. FC 6 pti.; Valletta FC u Hibernians FC 5 pti.; Melita FC 2 pti. u Birkirkara FC 1 pt.

*L-Aqwa Skorers*: R. Psaila (Ħamrun Sp. FC); C. Azzopardi (Rabat FC); P. Demanuele (Floriana FC) u L. Pace (Valletta FC) 4 gowls; T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC); C. Bennetti (Floriana FC); B. Agius (Melita FC) u F. Church (Hibernians) 3 gowls.





*Pullu Mousu (Floriana)1953*

*Joe Grech 1953 (Valletta)*